# MULEJ GĦALIMNA NITOLBU

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ktieb tal-Ġenesi.**
**Ġen 18, 20-32**

F'dak iż-żmien: Il-Mulej qal: "Il-bikja ta' Sodoma u Gomorra hi tassew kbira, u l-ħtija tagħhom tqalet ħafna. Ħa ninżel nara daqsxejn u nitkixxef jekk għamlux jew le l-istraġi li tixhed il-bikja tagħhom li waslitli.'' Waqt li Abraham kien għadu wieqaf quddiem il-Mulej, l-irġiel warrbu minn hemm u marru lejn Sodoma. U resaq Abraham lejn il-Mulej u qal: "Jaqaw se teqred l-innoċenti mal-ħati? Jekk hemm ħamsin bla ħtija fil-belt, teqridha wkoll u ma tħallihiex minħabba fil-ħamsin bla ħtija ta' ġo fiha? Ara li ma tagħmilx ħaġa bħal din, toqtol l-innoċenti mal-ħati, u hekk l-innoċenti u l-ħati tmisshom xorti waħda! Ħallik minn dan! U min imexxi l-art kollha sejjer ma jagħmilx dak li jmiss?'' Il-Mulej qal: "Jekk insib f'Sodoma ħamsin bla ħtija fil-belt, inħalli wieqfa l-belt kollha minħabba fihom.''
Wieġeb Abraham u qal: "Ara, ma bżajtx niddiskuti ma' Sidi għalkemm jien trab u rmied. U jekk il-ħamsin bla ħtija jkunu nieqsa ħamsa, għal ħamsa se tisħet int il-belt kollha?'' Wieġbu l-Mulej: "Le, ma nisħethiex, jekk insib hemm ħamsa u erbgħin. U żied igħidlu Abraham u qal: "U jekk jinstabu hemm erbgħin?'' Qal il-Mulej: "Ma nagħmilx dak li ħsibt minħabba fl-erbgħin.''
Qal Abraham: La tisħonx, Sidi, jekk se nistaqsik: jekk jinstabu hemm tletin?'' Wieġbu l-Mulej: "Jekk insib hemm tletin, ma nagħmilx dak li ħsibt.'' Qal Abraham: "Ħa nażżarda nerġa' nistaqsi lil Sidi: jekk jinstabu hemm għoxrin?'' Qal il-Mulej: "Ma nagħmilx dak li ħsibt minħabba fil-għoxrin.'' Qal Abraham: "La tisħonx Sidi, jekk nistaqsik għal darba oħra: jekk jinstabu hemm għaxra?'' Wieġeb il-Mulej: "Minħabba fil-għaxra ma nisħetx il-belt''.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 137**
**Fil-jum li fih sejjaħtlek, smajtni, Mulej**

Inroddlok ħajr, Mulej, b'qalbi kollha,
quddiem l-anġli rrid ngħannilek.
Ninxteħet quddiem it-tempju mqaddes tiegħek,
irrodd ħajr lil ismek
għat-tjieba tiegħek u għall-fedelta` tiegħek.

**R/. Fil-jum li fih sejjaħtlek, smajtni, Mulej.**

Fil-jum li fih sejjaħtlek, smajtni;
Kattartli l-qawwa f'ruħi.
Kbir hu l-Mulej, imma ħsieb iż-żgħar jieħu,
waqt li l-kburin mill-bogħod iħares lejhom.

**R/. Fil-jum li fih sejjaħtlek, smajtni, Mulej.**

Imqar jekk niġi fil-għali, int tħarisli ħajti,
idek toħroġ kontra l-qilla ta' l-għedewwa tiegħi.
Il-leminija tiegħek issalvani.
Il-Mulej itemm għalija kelmtu.
It-tjieba tiegħek Mulej, tibqa' għal dejjem,
La titlaqx għemil idejk.

**R/. Fil-jum li fih sejjaħtlek, smajtni, Mulej.**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Kolossin**
**Kol 2, 12-14**

Ħuti: Intom indfintu ma' Kristu fil-magħmudija, u fiha rxoxtajtu wkoll miegħu bis-saħħa tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajjem lilu mill-imwiet. Intom kontu mejta minħabba fi dnubietkom, u għax kontu pagani mingħajr iċ-ċirkonċiżjoni f'ġisimkom; imma lilkom ukoll takom il-ħajja flimkien ma' Kristu, billi ħafrilna dnubietna kollha, ħassar il-kont tad-dejn tagħna bl-obbligi li kien hemm kontra tagħna, neħħieħ min-nofs u sammru mas-salib.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla.**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujah**.
Mhux bil-ħobż biss igħix il-bniedem,
iżda b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.
**Hallelujah.**

**IL-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa.**
**Lq 11, 1-13**

Darba Ġesu' kien qiegħed xi mkien jitlob. Kif spiċċa mit-talb, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: "Mulej, għallimna nitolbu, bħalma Ġwanni wkoll għallem lid-dixxipli tiegħu.'' U qalilhom: "Meta titolbu, għidu:
'Missier, jitqaddes ismek, tiġi saltnatek,
agħtina kuljum ħobżna ta' kull jum,
u aħfrilna dnubietna,
għax aħna wkoll naħfru 'l kull min hu ħati għalina,
u la ddaħħalniex fit-tiġrib.'''
Qalilhom ukoll: "Wieħed minnkom ikollu ħabib li jiġih f'nofs ta' lejl u jgħidlu: 'Ħabib, islifni tliet ħobżiet, għax ġie għandi wieħed ħabib tiegħi mill-vjaġġ u ma għandix x'nagħtih.' U l-ieħor iwieġbu minn ġewwa u jgħidlu, 'Iddejjaqnix, issa l-bieb magħluq, u wliedi qegħdin fis-sodda miegħi: ma nistax inqum nagħtik.' Ngħidilkom jien, li jekk anqas bħala ħabib ma jqum jagħtih, dan minħabba fil-wiċċ sfiq tiegħu jqum u jagħtih kull ma jkollu bżonn. U jiena ngħidilkom: itolbu u jingħatalkom; fittxu u ssibu; ħabbtu u jiftħulkom. Għax min jitlob, jaqla'; min ifittex, isib; u min iħabbat jiftħulu.
Min hu dak il-missier fostkom li, jekk ibnu jitolbu ħuta, minflok ħuta jagħtih serp?

Inkella jekk jitolbu bajda jagħtih skorpjun? Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!’’

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**